IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru3 (tlieta) tad-disa' (9) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 26 ta' Awwissu, 2024, fl-4pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Viċi Sindku | Michael Mifsud |
| Il- Kunsilliera | Mary Doris Borg |
| | Raymond Duncan |
| | Antonia Buttigieg |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sinjura Antonia Buttiġieġ ippresediet l-laqgħa.

**3.1. Item Nru 3.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

3.1.1 Il-Laqgħa bdiet fil-4.10pm u kien hemm kulħadd preżenti.

**3.2 Item Nru. 3.2 fuq l-Aġenda – Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

3.2.1 Il-Minuti ittieħdu bħala moqrija u kien hemm dawn il-korrezzjonijiet.

Minuta 2.4.5 korrezzjoni għaliex il-punt tqajjem mil-Kunsilliera Mary Doris Borg.

Minuta 2.4.6 Is-Sur Raymond Duncan ippropona li ssir bankina fi Triq Dwardu Ellul minn Triq l-iskola minħabba li hemm periklu għat tfal. Is-Sindku qal li din it-triq hija dejqa ħafna u f'dan l-istadju mhux possibbli.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR1360 – Malta
Tel: 31693369
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

Wara dawn il-korrezzjonijiet il-Minuti ittieħdu approvati.

**3.3 Item Nru. 3.3 fuq l-Aġenda - Komunikazzjoni mis-Sindku**

3.3.1 Is-Sindku qal li l-attivita li kellna Xtajta Tlellex kienet ta' suċċess u attendew ħafna nies għaliha. Din l-attivita ser tkun iffinanzjata mil-iskema t'Attivitajiet pero ser jaqbez l-ammont bi ftit. Is-Sindku qal bħalissa qiegħed jiġbor l-invoices u ser jittellgħu fl-iskeda tal-pagamenti tal-laqgħa li jmiss.

3.3.3 Is-Sindku qal li wara s-suċċess li kellna tad-*diving* għat-tfal ser nerġgħu nagħmlu sessjoni oħra fil-ġranet li ġejjin. Is-Sur Attard irrimarka l-punt li dawn is-sessjonijiet qed isiru minn *diver* professjonali illiċenzjat ma' O*range Shark.*

3.3.4 Is-Sur Attard qal li kif tkellimna fil-laqgħa preċedenti applikajna fil-ħin għal proġett mal-GAL Xlokk taħt il-programm LEADER, Rural Development Programme 2014-2020 b'valur ta' €20,000 minajr il-VAT.

3.3.5 Is-Sindku qal li tkellem mar-rettur spiritwal tax-Xgħajra Fr. Keith fejn dan wera' x-xewqa li jinqalgħu is-siġar taż-żebbuġ li hemm ma' ġenb iz-zuntier. Il-Kunsill qabel li niksbu aktar dettall ta' jekk dawn is-siġar hux mejtin u jekk hemmx bżonn xi permess dwarhom.

3.3.6 Is-Sindku tkellem fuq l-art tal-Gvern li hemm madwar il-grawnd tal-futbol. Hu spjega kif din l-art kienet devoluta lil Kunsill imbgħad ġiet rilaxxata minħabba proġett li kien ser isir minn Xgħajra Tornados taħt it-tmexxija tal-President ġdid imbgħad għadda ħafna żmien u baqa' ma sar xejn. Għalhekk xtaq jinforma lil Kunsill li fl-aħħar tal-leġislatura numru 8 kien hemm qbil li din l-art terga' tintgħalab lil Lands għaliex baqa' ma sar l-ebda żvilupp.

Is-Sur Attard qal li ser ikollu laqgħa mal-Ministru Clifton Grima u jiddiskuti din is-sitwazzjoni.

3.3.7 Is-Sindku qal li ser jagħmel laqgħa mal-Public Works minħabba x-xogħol mhux sodisfaċenti li qiegħed isir tas-sottobank taħt ir-railing max-xatt. Apparti l-fatt li qiegħed isir bilmod ħafna dan qiegħed jinqala' kollu wara biss gimgħat li jkun sar.

3.3.7 Is-Sindku ippropona li nibdew nippjanaw għal ewwel attivita tal-anzjani għaliex hemm talba għalihom. Is-Sa. Doris Borg qalet li hi qed tippjana li ssir waħda f'Awwissu biex tkun naqset is-sħana.

3.3.8 Is-Sindku qal li ġie avviċinat minn persuna sabiex jinvesti f'court tal-Padel fejn hemm l-isport Complex fuq il-Ground Slab. Wara diskussjoni il-Kunsill qabel li għalissa inwaqqfuha

u niddiskutu mar-residenti tal-akkwati qabel xejn. Is-Sur Michael Mifsud qal li wara li ssir din il-konsultazzjoni il-Kunsill għandu jinnegozja biex min ħa jinvesti jagħmel tajjeb sabiex jinbnew 4 kmamar il-parti ta' isfel u jkunu jistgħu jintużaw sabiex inlaqqgħu l-anzjani fihom bħala Day Centre. Is-Sur Mifsud kompla u qal imbgħad inkunu nistgħu napplikaw għal Norwegian Funds biex niffinixxjaw.

3.3.9 Is-Sindku qal li għandna proposta ta' exchanges ma' villaġġ mil-Ungerija u jkun hemm preżenti wkoll villaġġ minn Poland u mil-Italja u ser napplikaw għal fondi biex isir proġett.

Il-Kunsill qabel mal-proposta u ser ikollna aktar dettall fil-laqgħa li jmiss.

3.3.10 Is-Sindku qal li dwar l-ATM tkellem mal-BOV u qalulu li poġġewha Shoreline minħabba li kien qed tkun ħafna ħsara minħabba l-elementi tal-baħar. Is-Sur Mifsud tkellem ma' uffiċċjal tal-BOV u dan qallu li kif tinqala waħda minn xi mkien titwaħħal fix-Xgħajra. Il-Kunsill qabel li ssir fi Triq Sant Elija faċċata tal-ispiżerija.

3.3.11 Is-Sindku qal li dwar il-BCRS reġa' kellimhom u talbuħ nindividwaw post biex nagħmluha hemm. Il-Kunsill qal li l-aħjar post ikun fejn il-Kunsill fir-rokna ma ġenb l-iskola.

**3.4 Item Nru 3.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

3.4.1 Is-Sur Michael Mifsud staqsa fuq is-sejħa tal-Contracts Manager kif bqajna. Is-Segretarju fakkru li kellu jibgħat xi template dwarha kif ukoll l-istess tal-Avukat.

3.4.2 Is-Sur Mifsud staqsa kif bqajna fuq is-slip way ta' taħt Triq l-Ispnott sabiex ma tingħalaqx kompletament għall-vetturi. Is-Sindku qallu li ser issir katina li tinfetaħ b'katnazz.

3.4.3 Is-Sur Mifsud qal li ser jifforma sottokumitat għall-ħarsien tal-annimali

3.4.4 Is-Sur Mifsud qal ukoll li ser jitkellem mal-Agenzija SEM sabiex jara kif nistgħu napplikaw għal proġetti tal-Ewropa. Michael kompla u qal li l-ewwel irridu naraw is-sitwazzjoni finanzjarja mal-Accountant u naraw nistgħux napplikaw minħabba l-co-financing.

3.4.5 Is-Sur Mifsud qal li għandna ilmenti fi Triq il-Knisja hemm bżonn li tinkines aktar spiss. Is-Sindku qallu li ser jieħu ħsieb li jqabbad xi ħadd u tibda ssir aktar regolari.

3.4.6 Is-Sur Mifsud qal li għandna bżonn nifthu diskussjoni mar-Reġjun minħabba l-ġbir ta' skart. Dan qed jinġabar tard ħafna u nispiċċaw b'toroq mimlijin skart u intejjen.

Is-Sindku qallu li ilu jilmenta mar-Reġjun mil-bidu tal-Kuntratt. Dawn qalulna li l-ewwel qed jiġbor il-Birgu minħabba li post turistiku u għalissa ikollna nistennew. Hu qal li ser jitkellimha fil-laqgħa tar-Reġjun li ser ikollu llejla stess.

3.4.7 Is-Sinjura Doris Borg qalet li tkellmet mal-kap tal-iskola u dawn ipproponew li l-Kunsill jikkollabora sabiex jinxtara A/C. Il-Viċi Sindku qallha li dawk jistgħu japplikaw għalih mal-FTS.

3.4.8 Is-Sinjura Borg staqsiet jekk hux possibbli jsir bank fit-*traffic island* li hemm mar-roundabout ta' Triq il-Fortizza tal-Grazzja. Dan wara li kellha diversi ilmenti minn nies li jkunu qed jistennew tal-linja u tkun ħafna xemx qawwija u propju fit-*traffic island* ikunu jistgħu jistkennu taħt is-siġra. Is-Segretarju qal li hemm mhux permessibbli minħabba li *traffic island* qiegħda hemm biss għat-traffiku mhux għal pedonali u ma jkunx għaqli niggwidaw in-nies ipoġġu hemm minħabba xi aċċidenti li jistgħu jinqalgħu.

3.4.9 Is-Sa Borg qalet li kella laqgħa mal-Community Services fejn dawn talbu li jerġgħu jibdew jiftħu għal pubbliku iċ-ċentru nhar ta' Erbgħa. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għalissa aħjra le sabiex nieħdu gwida mil-Avukat minħabba l-ilment li għandhom ir-resident li joqodu fis-sular ta' fuq ic-centru.

3.4.10 Is-Sa. Doris Borg staqsiet x'jista jsir fi Triq it-Torri t'Alof De Wignacourt minħabba trakkijiet kbar li qed jipparkjaw in-naħa ta' Triq Dwardu Ellul. Din il-ħaġa qed tkun ta' inkonvenjent għar residenti li mhux qed isibu fejn jipparkjaw. Is-Sur Mifsud qal li nistgħu nitkellmu ma' TM biex naraw jekk nistgħux issir timed parking zone except for residents.

3.4.11 Is-Sa. Borg qalet li dwar l-anzjani għandha kollox ippjanat anke fejn ser imorru. Is-Sa. Antonia Buttigieg qaltilha biex ma tidħolx fuq id-dekasteru tal-Kultura għaliex dak huwa assenjat lilha. Wara li kien hemm diskussjoni is-Sa. Borg talbet li tkun skużata mil-laqgħa.

3.4.12 Is-Sur Raymond Duncan ippropona sabiex inħeġġu aktar l-anzjani japplikaw għall-passaporti tal-Heritage Malta sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'siti storiċi b'xejn. Il-Kunsill qabel li intellgħu post fuq il-Midja Soċjali.

3.4.13 Is-Sur Duncan talab li peress li huwa l-Kunsillier responsabbli mis-socjal u persuni b'diżabbiltà huwa jixtieq li bħala Kunsill niktbu lill-Aġenzija Sapport sabiex nitolbuhom aktar informazzjoni kull meta jkollhom xi seesjoni ta' informazzjoni jew taħriġ.

3.4.14 Is-Sur Duncan qal li hemm il-ħajt tas-sejjiegħ ta' Triq Orlando Zabbar in-naħa ta' Triq it-Torri t'Alof De Wignacourt jinsab imġarraf u hemm bżonn li nieħdu ħsiebu. Is-Sindku qal li ser naraw taħt min hi r-responsabilta dwaru.

3.4.15 Is-Sur Duncan jixtieq li nieħdu ħsieb is-soft areas ta' fejn it-tela' ta' Triq iċ-Ċern u Triq ta' Carmelo Penza kantuniera ma' Dawret ix-Xatt. Dan għaliex jinsabu mitluqa.

3.4.16 Is-Sur Duncan staqsa jekk għandnix kuntatt ma' Smart City minħabba li jidher li hemm id-drain bejn ix-Xgħajra u Smart City miżdud għaliex mhux jgħaddi l-ilma. Dan deher meta għamlet ix-xita. Is-Sindku qallu li għandu kuntatt u ser ikellimhom.

3.4.17 Is-Sinjura Antonia Buttigieg staqsiet fuq il-bandla tal-persuni b'diżabbiltà u staqsiet meta ser issir. Is-Sindku qallha li fl-aħħar laqgħa konna semmejniha però irridu l-ewwel nindividwaw post imgħad naraw kemm tiswa u jekk jinħarġu is-sejħiet għaliha.

3.4.18 Is-Sa. Buttigieg staqsiet nistgħux nagħmlu xi ħaġa fuq l-istage għaliex qed jidħol l-ilma tax-xita fuq ġewwa. Is-Sindku qal li ħa naraw x'nistgħu nagħmlulhom temporanjament.

3.4.19 Is-Sa. Buttigieg staqsiet jekk hux qed nieħdu ħsieb is-siġar tax-xatt għaliex hemm minnhom mejtin. Is-Sindku qal li qiegħed jieħu ħsiebhom hu personalment u jekk le jara li xorta jissaqqew tlett darbiet fil-ġimgħa. Li hemm mejta hija waħda ta' faċċata ta' Triq l-Ispnott.

3.4.20 Is-Sa. Buttigieg staqsiet fejn huma l-ispejjeż tal-attività li saret b'kollaborazzjoni mal-Knisja. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dawn jinsabu fl-iskeda tal-pagamenti.

Fis-5.42pm is-Sindku skuża ruħu mil-laqgħa minħabba laqgħa oħra tar-Reġjun Port u għalhekk iddelega l-laqgħa lill-Viċi Sindku.

**3.5 Item Nru. 3.5 fuq l-Aġenda – Rapporti**

3.5.1 Ma kienx hemm rapporti.

**3.6 Item Nru. 3.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

3.6.1 Il-Viċi Sindku qal li fuq il-Kwistjoni tal-Anzjani u l-Kultura irridu nidentifikaw eżatt x'ħa jsir minnhom għaliex hemm ħafna affarijiet in-komuni.

**3.7 Item Nru. 3.7 fuq l-Aġenda-Evalwazzjoni tal-kwotazzjonijiet tal-Accountant u tal-Bulky Refuse.**

IX-XGĦAJRA

3.7.1 Il-Viċi Sindku qal li għandna żewġ servizzi li ħriġna sejħa għal offerti fuqhom dak tal- Accountant tal-Kunsill kif ukoll tal-ġbir ta' skart Goff.

**Offerta Bulky Refuse:** Il-Viċi Sindku qal li għal dan is-servizz kellna żewġ offerti u fakkar li jekk il-kuntratturi ikollhom kollox compliant il-Kunsill irid imur għall-irħas offerta. F'dan il-każ l-irħas offerta hija dik ta' Ronald Bezzina.

Fuq Proposta tal-Viċi Sindku u ssekondata mil-Kunsillier Raymond Duncan intgħażlet l-offerta ta' Ronald Bezzina.

**Offerta Accountant:** Il-Viċi Sindku qal li għal dan is-servizz kellna 6 offerti u l-irħas waħda hija dik ta' Cutajar Busuttil.

Fuq Proposta tal-Viċi Sindku u ssekondata mil-Kunsillier Antonia Buttiġieġ intgħażlet l-offerta ta' Cutajar Busuttil

**3.8 Item Nru. 3.8 fuq l-Aġenda – Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

3.8.1 Pagamenti b'numru 2 ġew approvati unanimament.

**3.9 Item Nru. 3.9 fuq l-Aġenda - Mozzjonijiet**

3.9.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**3.10 Item Nru. 3.10 fuq l-Aġenda – Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

3.10.1 Il-laqgħa intemmet fis-6.30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 30 ta' Settembru fl-4.30pm

| | |
|---|---|
| Ranier Busuttil | Neil Attard |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |